**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 85 IT-TLIETA 23 TA' APRIL 2019**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-17:30.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Clinton Sammut | Viċi-Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier (wasal fis-17.52) |
| | Alexander Agius | Kunsillier |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier (wasal fil-17.36) |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| Skużati | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| | Gloria Debono | Uffiċjal Eżekuttiv |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* kemm fuq l-*internet* kif ukoll fuq il-paġna ta' *Facebook*.

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1 Is-SE informa li kien irċieva *e-mail* mingħand il-Kunsillier Spiteri li ta raġuni għalfejn ma setgħax jattendi.

1.2 Is-SE informa wkoll li kien avżat mill-Kunsillier Gatt permezz ta' *sms* li se jasal tard.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti.

2.2 Saru l-17.36 u f'dan il-ħin daħal il-Kunsillier Sciberras.

2.3 Dwar punt numru 2.13 is-SE tkellem mal-Perit. Il-Perit ma setax isib kif jista' jinkludi tali plakka u għalhekk issuġġerixxa li t-tabella titwaħħal f'post meta l-proġett ikun lest.

2.4 Dwar punt numru 10, rigward il-mozzjoni ta' ġbir ta' skart sabiex jinġabar fit-08.00 flok fis-07.00, is-SE kif ukoll is-Sindku kkomunikaw mal-kuntratturi u deher li kien se jkun hemm diffikultà. Għalhekk kien suġġerit li ssir laqgħa bejn il-Kunsill u l-kuntrattur.

2.5 Il-Minuti ġew approvati fuq proposta tas-Sindku, ssekondata mill-Kunsilliera Maryanne Cuomo. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-SE.

**3.** **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

3.1 Fil-31 ta' Marzu ġiet organizzata l-attività tat-Tberik tal-annimali. Din l-attività ġiet organizzata mis-Soċjetà Peace Band Club flimkien mal-Kunsill Lokali Naxxar.

3.2 Fit-3 ta' April saret konferenza stampa (KS) rigward ir-restawr tal-Mitħna tal-Għaqba. Preżenti kien hemm is-Segretarji Parlamentarji Dr. Aaron Farrugia u Silvio Parnis, kif ukoll l-MP Robert Cutajar. Flimkien mas-Sindku kienu preżenti l-Kunsillieri Noel Gatt, Pierre Sciberras, Maryanne Cuomo. Marlon Brincat u Joseph Spiteri, is-SE u żewġ uffiċjali tal-Kunsill. Din il-KS kienet qed tniedi l-bidu tal-proċess tar-restawr kif ukoll tippromwovi l-ħruġ tas-sejħa tal-offerti. Kienet qed tniedi wkoll il-proġett ta' *Street Art* fit-telgħa tal-iskejjel. Din saret minn artisti lokali u barranin li ħejjew tpinġijiet bi tema 'Mtieħen'. L-attività ngħatat prominenza fuq ix-xandir Nazzjonali kif ukoll is-*social media.* Is-Sindku rringrazzjat lil SE, l-uffiċjali tal-Kunsill, lill-*handymen* kif ukoll lill-Kunsillieri li kienu preżenti.

3.3 Is-Sindku flimkien mas-SE kellha laqgħa ma' TM fejn ġie diskuss l-*un/loading bay* ta' ħdejn il-Valyou Supermarket. Waqt il-laqgħa kienu preżenti tliet residenti. Is-Sur Cohen għal TM kien infurmat bil-problemi u l-kontravenzjonijiet li qed ikun hemm. Is-Sur Cohen talab sabiex il-Kunsill ikollu ritratti li fihom jidher in-numru tal-vetturi sabiex ikun jista' jgħaddihom għall-infurzar. Ir-residenti għandhom jgħaddu xi proposti għall-konsiderazzjoni.

3.4 Is-Sindku semmiet ukoll li n-*notice boards* tal-Kunsill mhux qed jinżammu fi stat tajjeb. Hi tat struzzjonnijiet sabiex dawn jinżammu puliti b'avviżi rilevanti u fejn ikun meħtieġ isir manutenzjoni.

3.5 Is-Sindku tkellmet mas-SE sabiex tħejji skeda ta' ffilmar dwar inizjattivi tal-proġetti. Preżenti se jkunu mistiedna l-Kunsillieri kollha. Iktar il-quddiem is-SE għandu jinforma lil Kunsillieri b'dati għal dawn il-laqgħat/filmati. Is-Sindku ssuġġerit li għandu jinxtara mikrofonu li jiswa madwar Eur300. Fuq dan kien hemm qbil.

3.6 Is-SE kellu proposta minn għand kandidati sabiex isiru attivitajiet barra l-Każini.

3.7 Saru 17.52 u f'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Gatt.

3.8 Rigward l-attivitajiet kien hemm qbil mill-Kunsill li jaċċetta sakemm jiġu segwiti r-regolamenti bħal attivitajiet oħra.

**4.** **TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

**5.** **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI**

5.1 Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti, wara proposta mill-Kunsillier Galea u ssekondata mill-Kunsillier Gatt.

5.2 Il-Kunsill approva wkoll ir-rendikonti tad-dħul u ordnijiet u l-infiq mill-*Petty Cash*.

**6.** **RAPPORT FINANZJARJU VERIFIKAT GĦAS-SENA 2018**

6.1 Is-SE spjega r-rapport finanzjarju. Il-finanzi kienu tajbin bil-bilanċ ta' kważi Eur1,000,000.

6.2 Il-Kunsill approva r-rapport finanzjarju wara proposta mis-Sindku u ssekondata mill-Viċi Sindku.

7. **RAPPORT MILL-KUMITAT TAL-ILMENTI**

7.1 Il-Kunsill approva r-rapport tal-laqgħa tas-sottokumitat tal-ilmenti li saret fl-10 ta' April 2019 wara proposta mill-Kunsillier Galea u ssekondata mill-Kunsillier Agius.

8. **RAPPORT MILL-KUMITAT TAL-FINANZI**

8.1 Il-Kunsill approva r-rapport tal-laqgħa tal-kumitat tal-finanzi li saret fl-10 ta' April 2019 wara proposta mis-Sindku u ssekondata mill-Kunsillier Brincat.

9. **XOGĦOL ADDIZZJONALI FUQ IL-BAŻI TAR-RAILING TAS-SGĦAJTAR**

9.1 Waqt li kien qed isir ix-xogħol fuq ir-railing irriżulta li hemm bżonn ta' manutenzjoni estensiv fil-bażi.

9.2 Il-Perit ta parir lil SE sabiex ix-xogħol isir sew mill-ewwel. Ix-Xogħol kien se jiswa madwar Eur11,000, iżda wara li SE ddiskuta mal-kuntrattur rigward il-prezz, ġie għal ftehim li l-prezz ikun madwar Eur9,000.

9.3 Il-Kunsill approva.

10. **IL-BINI TAS-SALA U SULAR FUQ IL-KUNSILL**

10.1 Is-SE informa lil Kunsill li l-permess kien skada u għaldaqstant il-Kunsill irid jerġa' japplika mill-ġdid.

10.2 Il-Kunsillier Brincat staqsa x'kienet ir-raġuni li l-permess kien skada. Is-SE wieġeb li kien ġara hekk minħabba li kien hemm bdil ta' Perit u li l-Kunsill ma kienx tagħha prijorità.

10.3 Il-Kunsill approva, wara proposta mis-Sindku u ssekondata mill-Kunsillier Brincat.

11. **TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

11.1 Il-Kunsill qabel li l-lagħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 27 ta' Mejju fil 5.30pm

11.2 Il-laqgħa ntemmet fis-18.19.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |